**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 24 ta' Mejju, 2016

Rikors numru : 121/16 AL

AB
u
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elf disa` mija u tnejn u disghin (1992), certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;
2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;
3. Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali redatt min-Nutar Dottor Pierre Attard datat tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elf disa` mija u tnejn u disghin (1992); vera kopja tal-kuntratt ta' Separazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B.
4. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom sseparati mis-sena elf

disa` mija u tnejn u disghin (1992), il-partijiet illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi ma hemm l-ebda dritt tal-manteniment bejn il-partijiet stante illi kif tixhed il-vera kopja tal-kuntratt ta' Separazzjoni, iz-zewg partijiet irrinunzjaw ghad-dritt tal-manteniment;
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu lil din il-Qorti sabiex :

A. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

B.Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' April, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-12 ta' Ottubru 1992 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur

tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.